MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Rikors Numru. 31/2002/1

***Rikors numru 31/02***

***Joseph u Marianne Bellizzi***

***vs***

***Awtorita' Marittima ta' Malta***
***Salvatore Bellizzi***

***Illum 30 ta' Mejju 2003***

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Joseph u Marianne Bellizzi a fol.2 et seq tal-process;

Rat ir-risposta tal-intimati a fols.12 u 13 tal-process;

Rat it-talba mghamula mir-rikorrenti fl-udejnza tal-25 ta' Frar 2003 fejn ***talbu "illi jigi msejjah fil-kawza l-Avukat Generali"***; ghall-liema talba l-intimati rregistraw l-opposizzjoni taghhom;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti prezentata fl-20 ta' Marzu 2003 bil-visto/notifika lid-difensuri tal-intimati;

Rat l-atti kollha tal-kawaza;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fuq din it-talba;

Ikkunsidrat – limitatament ghal din it-talba:-

***Il-Fatti kif esposti fir-rikors***

Illi in succint it-talba rikorrenti hija bazata fuq is-segwenti fatti esposti minnhom:

Illi skond ftehim li jmur lura hafna snin, ir-rikorrent u l-kugin tieghu, l-intimat Salvatore Bellizzi, jaqsmu u juzaw bejniethom il-marbat li kien tan-nannu taghhom, Franceso Bellizzi.

Illi sussegwentement bejn is-26 u 27 ta' Gunju 1995, wara li kien dahal fis-sehh l-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta, l-intimat Salvatore Bellizzi, li huwa licenzjat part time, applika ghal, u ottjena permess "ghalih biss" biex jorbot f' dak l-irmigg, u dana ad esklusjoni tar-rikorrent Joseph Bellizzi li huwa "licenzjat full time u li l-ghixien tieghu jiddependi minn hekk biss".

Illi meta dan ir-rikorrent applika huwa ukoll ghall-permess biex jorbot il-fregatina tieghu mal-marbat in kwistjoni, it-talba tieghu giet rifjutata mill-Awtorita' intimata ghar-raguni li l-irmigg kien diga' inghata lill-haddiehor.

Illi konsegwentement u biex jasserixxi d-dritt li jorbot mal-irmigg tieghu, ir-rikorrent istitwixxa proceduri gudizzjarji fil-Prim Awla tal-Qorti Civili kontra l-Awtorita' Marittima ta' Malta[1]; izda b' esitu

[1] Citazzjoni 1269/95

negattiv stante li t-talbiet tieghu gew michuda minn dik il-Qorti, b' konferma mill-Qorti tal-Appell. Ghalhekk ir-rikorrent sostna li kellu jirrikorri ghal din il-Qorti biex taghtih rimedju effettiv ghac-cahda tad-drittijiet tieghu.

Illi fl-istess rikors ir-rikorrenti qed isostnu ksur ta' diversi drittijiet taghhom, bazati fuq agir illegali u abusiv tal-Awtorita' intimata u fuq in-nuqqas tal-organu gudizzjarju li sa dan l-istadju naqas li jirreintegra lill-istess rikorrenti fid-drittijiet taghhom.

***Talbiet tat-rikorrenti***

Di fatti fil-konkluzjoni tar-rikors taghhom, huma qed jitolbu li (1) jigi dikjarat illi l-permess mahrug mill-Awtorita' Marittima lill-Saviour Bellizzi nhareg abbuzivament u illegalment; u (2) jigi dikjarat illi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Gunju 2001 li kkonfermat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili[2], tivvjola d-drittijiet fundamentali taghhom.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

*Osservazzjonijiet guridici*

Illi l-intimati qed jibbazaw l-oggezzjoni taghhom ghat-talba tar-rikorrenti ghall-kjamata fil-tal-Avukat Generali maghmula f' dan l-istadju, principalment fuq il-konsiderazzjoni li l-interess ta' dan tal-ahhar fil-proceduri odjerni kien jesisti mill-bidu, stante li *ex lege* fi proceduri diretti kontra l-operat gudizzjarju huwa l-Avukat Generali li ghandu r-rappresentanza gudizzjarja.

Illi in tema legali, din il-Qorti, ghar-rigward tal-istitut tal-kjamata fil-kawza, taghmel referenza ampja ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ***"Teresa armla Cilia vs Vincenzo Drago et"*** deciza fit-3 ta' Frar 1960, kif ukoll ghall-kazistika hemm indikata. F' dik is-sentenza[3], din il-Qorti, wara li rribadiet il-principju li l-fondament tal-istitut tas-sejha fil-kawza huwa l-interess li l-persuna jkollha fl-esistu tal-gudizzju, osservat hekk: *"Illi huwa minnu li gie hafna drabi deciz minn dawn it-Tribunali li l-kjamata in kawza mhix ammissibbli meta l-interess tal-*

[2] Supra

[3] *per Onor.Imhallef A.V. Camilleri*

*persuna li ghandha tigi kjamata kien jesisti mill-bidu tal-procediement, imma gusrisprudenza lokali altrettantu awtorevoli, bazata fuq studju aktar penetrattiv tal-istess gurisprudenza relattiva affermat li dak l-principju li gie fuq enunzjat huwa sod u veru meta l-konvenut inizjali jkun persuna assolutament estranea u ma jkollu ebda interess fil-kawza ghar-raguni logika li f' kazi simili bil-kjamata ikun hemm sostituzzjoni tal-konvenut mill-persuna tal-kjamata, mentri jekk il-konvenut inizjali, ghalkemm ma jkunx l-uniku interessat fil-fatt ikollu ukoll interess fil-kawza, l-istess kjamata ta' interessati ohra mal-konvenut inizjali u originarju, li jkollu interess, il-procedura invokata ma tkunx qieghda tapporta ebda sostituzzjoni, imma biss reintegrazzjoni tal-process u kwindi l-istess hija* ***permessa u sostenibbli***

[ara PA Civili 8 Frar 1936. ***Modesta Borg vs Antonio Delia*** Vol.XXIX.II.970; PA Civili 30 ta' Novembru 1935 ***Pulis vs Ellul*** deciza fil-meritu imma l-punt tal-kjamata fil-kawza deciz fit-2 ta' Mejju 1935 fl-istess kawza inedita; PA Civili 8 Lulju 1901 ***Bonavia vs Dr.Ross*** Vol.XVIII.II.52; PA Civili 3 Ottubru 1907 ***Pace vs Scicluna*** Vol.XX.II.362, u Appell dezert fit-18 ta' Dicembru 1920 Kummerc 21 Jannar 1919 ***Zahra vs Scicluna*** Vol.XXIV.III.739 f' liema l-ahhar sentenza l-Imhallef sedenti qal inekwivokabilment li: *"Che quando non si tratti di rinnovare il-procedimento, sostituendo alla parte originariamente citata, una persona diversa, ma bensi' di integrare il-procedimento coll' aggiunta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso, la chiamata in causa si deve ammettere"]*

Konformament mal-premess, din il-Qorti f' sentenza ohra rribadiet dan il-principju u osservat hekk: *"Meta l-persuna li tkun giet originarjament citata jkollha interess fil-kawza, izda minnha jkun hemm persuni ohra li ma jkunux gew imharrka mill-bidu u jkollhom ukoll interess, il-kjamat fil-kawza ta' dawn il-persuni hija* ***ammissibbli u doveruza****"*[4]

[4] PA. ***Onor.Emmanuele Tabone vs Onor.Imhallef Dr.Alberto Magri*** - *Per Imhallef A.V.Camilleri* – 6.02.1962 u kasistika kopjuza hemm citata [Vol.XLVI.II.561]

Dan l-insenjament gie kkonfermat mill-Onor.Qorti tal-Appell f' gurisprudenza aktar recenti[5].

Ghalhekk il-posizzjoni legali in subjecta materja illum hi fis-sens li s-sejha fil-kawza tal-persuna li ghandha interess fl-esitu tal-gudizzju ghandha tigi ammessa biex jigi reintegrat il-procediment ghax meta l-konvenut originali jkun diga' interessat fil-kawza il-gudizzju diga' jkollu *'res standi'*, u l-ammissjoni tat-terz interessat jkun qed iservi biex jirrentegra l-procediment. Filwaqt li jekk il-konvenut originali ma jkollu ebda interess fil-kawza, bl-ammissjoni tat-terzi interessati, il-Qorti tkun *"qeghda tirreintegra gudizzju li originarjament ma kellux saqajn li fuqhom seta' jieqaf legalment."* Ghaldaqstant is-sostituzzjoni tal-konvenut originali mhux ammessa.

Fis-sentenza fuq citata, din il-Qorti kompliet tispjega r-*ratio* ta' dan il-principju b' dan il-mod: " *anki mill-lat prattiku-legali din il-prassi tidher li ghandha tigi favorita l-ghaliex b' hekk tigi assikurata c-celerita' tal-gudizzju, koltivata' s-semplicti' taghhom, kif ukoll evitati kawzi ulterjuri; liema ekonomija* ***ta' gudizzju u spejjez*** *titlaqa' bla ripunjanza fuq it-terren komuni legali tal-gustizzja sostanzjali u tal-pratticita' ta' kuljum fil-hajja progressiva moderna, li mhijex aktar inklinata ghall-formalizmu zejjed u antikwat* ***sakemm il-ligi hija salvagwardata u l-gustizzja moqdija"***[6] Illi dawn il-konsiderazzjonijiet huma konformi mal-ispirtu tal-Artikolu 175[7] tal-Kap.12 li jikkontempla l-fakolta' li, waqt il-proceduri jsiru tibdiliet, sostituzzjonijiet u korrezzjonijiet fl-iskritturi sakemm *"ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza."*

*Osservazzjonijiet fil-meritu*

Illi fil-kaz odjern, il-vertenza hija bazata fuq allegat agir abbusiv u illegali da parti tal-Awtorita' intimata, meta harget il-permess lill-intimat Saviour Bellizzi ad eskluzjoni tar-rikorrent, kif ukoll meta rrifjutat li tohrog permess lill rikorrent ukoll. Hija wkoll bazata fuq it-tesi tar-rikorrent li s-sentenzi tal-Qorti indikati fir-rikors jivvjolaw id-drittijiet

5 ***Markiz Joseph Scicluna et vs John Bezzina pro et*** – 6.10.239 [Vol.LXXX.11.239]
6 *Supra Tabone vs Magri* pg.569 – Emfasi tal-Qorti
7 Kif emendat bl-Att XXIV.1995

tar-rikorrenti. Konformament, it-talbiet tar-rikorrenti huma diretti kemm fil-konfront tal-Awtorita’ Marittima kif ukoll kontra l-operat gudizzjarju

Illi f’ dawn ir-rigward il-Qorti tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

1. Illi ma jidher li hemm ebda dubbju li, in forza ta’ dak li hemm kontemplat fl-artikolu 181B (2) tal-Kap.12 l-Avukat Generali ghandu jkollu rappresentanza gudizzjarja, u ghandu interess legittimu fl-esistu tal-gudizzju li ma jistax ikun integru in vista tat-tieni talba tar-rikorrent, jekk ma jkunx msejjah fil-kawza.

2. Illi anki l-interess tal-Awtorita’ Marittima johrog car minn dak li qed jigi sostnut u mitlub mir-rikorrenti. Di fatti r-rikorrenti fl-ewwel lok qed jitlobu li din il-Qorti tiddikjara, ghar-ragunijiet fuq indikati, li l-agir ta’ din l-intimata, bil-hrug tal-permess lill-intimat Saviour Bellizzi, kien abbusiv u illegali, u li dan il-permess jigi dikjarat null u bla effett. Minn dan johrog car li l-Awtorita’ Marittima ghandha interess legittimu f’ dawn il-proceduri kif ukoll fl-esitu tal-istess; liema interess jista’ jigi meqjus bhala dritt tal-istess Awtorita’ li tiddefendi l-operat taghha fi proceduri gudizzjarja fejn dan l-operat qed jigi kkritikat u sahansitra sostnut mir-rikorrenti bhala wiehed illegali u abbusiv.

Illi ghaldaqstant s-sejha tal-kjamata fil-kawza tal-Avukat generali f’ dan il-kaz mhux qed isservi bhala sostituzzjoni tal-intimati originarji, izda isservi sabiex tirreintegra l-procediment odjern u ghaldaqshekk hija kemm ammissibbli kif ukoll doveruza ghall-integrita’ tal-gudizzju.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonsidera t-talba tar-rikorrenti fondata fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement tordna s-sejha fil-kawza tal-Avukat Generali, skond il-ligi.

Spejjez a kariku tar-rikorrenti, stante li l-interess tal-Avukat Generali kien pre-esistenti ghall-proceduri odjerni

--------------------------------TMIEM--------------------------------